**ĠIEĦ LILL-ONOR. LOUIS GALEA GĦALL-ĦIDMA FL-EDUKAZZJONI**

Dr Louis Galea ingħata rikonoxximent "għall-viżjoni tiegħu li tat ġejjieni edukattiv ġdid" lil ulied il-poplu tul l-għaxar snin bejn l-1998 u l-2008 li serva bħala Ministru responsabbli għall-edukazzjoni.

Il-ġieħ ingħata mis-Sur Sandro Spiteri bħala Prinċipal tal-Kulleġġ Santa Margerita waqt serata organizzata fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera fl-okkażjoni ta' Jum il-Kulleġġ. Għall-attività kienu preżenti l-Kapijiet u l-għalliema, ħaddiema, u Kunsilli Skolastiċi tal-iskejjel primarji u sekondarji li jiffurmaw il-Kulleġġ Santa Margerita.

F'din l-attività l-Ispeaker tal-Kamra tar-Repprezentanti, Louis Galea kien mistieden jinawgura wirja tal-arti b'xogħlijiet ta' artisti lkoll impjegati bħala għalliema jew ħaddiema tal-Kulleġġ. Dan il-Kulleġġ jiġbor fih l-iskejjel primarji u sekondarji għal-lokalitajiet ta' Bormla, l-Birgu, l-Isla, l-Kalkara, Xgħajra u Ħaż-Zabbar.

Fil-bidu tal-attività grupp ta' studenti mill-iskola sekondarja tal-bniet taw wirja b'tema dwar id-diversità tal-lingwi.

Il-Prinċipal tal-Kulleġġ Sandro Spiteri qal li din kienet l-ewwel Jum il-Kulleġġ minn meta twaqqaf is-sena li għaddiet. "L-esperjenza fl-istituzzjoni ġdida tal-Kulleġġ qed turi li hemm potenzjal li jirnexxielna nwettqu ġid kbir għat-tfal u l-istudenti tal-iskejjel fil-Kulleġġ tagħna. M'hemmx dubju li Dr Louis Galea kien strumentali biex bil-viżjoni innovattiva tiegħu wassal biex tibda titwettaq riforma li l-frott tagħha ser nibqgħu ngawduh għal ħafna snin fil-ġejjieni," temm jgħid Sandro Spiteri waqt li f'isem il-Kulleġġ preżentalu tifkira b'rikonoxximent għal din il-ħidma.

Louis Galea fisser il-ħajr għall-apprezzament li ngħata. Huwa faħħar l-inizjattiva tal-wirja tal-arti li għandha bħala tema "Tagħlim tul il-ħajja permezz tal-arti". Louis Galea qal li l-ħidma u r-riforma li huwa wettaq fl-edukazzjoni hija l-frott tal-ħsieb u l-ħidma ta' ħafna nies li huma dedikati għall-edukazzjoni tal-Maltin u l-Għawdxin. "Il-grazzi rridu nagħtuh lill-eluf ta' ommijiet u missierijiet, lill-għalliema u l-ħaddiema f'kull saff tas-sistema edukattiva tagħna fil-qasam tal-Istat, il-Knisja u l-privat, lill-MUT u unjins oħra, kif ukoll lill-Gvern li qed jinvesti bil-qawwi fl-edukazzjoni ta' wlied il-poplu. Ir-riforma fl-edukazzjoni għadha fil-bidu tagħha u jeħtieġilha impenn u appoġġ kostanti minn kull min għandu x'jaqsam u mis-socjetà kollha."

**DOI – 26.11.2008**